# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 281/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Agius)

vs

**Jeanne Borg**

bint Hermann Borg, imwielda Floriana fit-18 ta' Marzu, 1959, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 226659(M)

Illum, 10 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Jeanne Borg, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala direttur tal-Kumpanija Dambal Caterers Company Limited (C 23811) ghas-snin 1999 u 2000 b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu

jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqset li tibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqset milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Mejju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23(1 )(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannatha multa ta' mija u ghoxrin Euro (€120). Peress li l-imputata illum m’ghadiex tirraprezenta s-socjeta' Dambal Caterers Company Limited ma imponietx multa addizzjonali.

Il-Qorti spjegat lill-imputata ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin terga' tinstab hatja ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b' zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f 'xi legislazzjoni ohra, tinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellanta Jeanne Borg ipprezentat fil-5 ta’ Gunju, 2012 fejn talbet li din il-Qorti jogħoġobha thassar is-sentenza appellata u tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha minn kull piena u alternattivament u sussidjarjament f'kaz ta' konferma tas-sejbien ta' htija, li tvarjaha u tirnmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Magistrati peress li l-imputata m'ghadhiex tirraprezenta s-socjeta Dambal Caterers Limited, il-Qorti tal-Magistrati ma imponietx multa addizzjonali, u li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra nqas skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi preliminarjament l-esponenti giet misjuba hatja hazin fuq il-fatti tal-kawza u kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

A. Ir-responsabbilita'tal-esponenti.

Illi l-esponenti ressqet il-quddiem il-korrispondenza minnha mibghuta mill-MFSA sabiex tfiehem ic-cirkostanzi partikolari li gieghluha sabiex tirrizenja mil-kariga taghha.

Jidher li l-Ewwel Qorti interpretat dawn il-provi, fl-ottika tal-linja difensjonali li tista' tingab a tenur tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Dan ma kienx korrett kompletament stante li d-difiza ressqet linji difensjonali ohra marbuta ma' din il-linja.

Dawn il-provi, mehuda fid-dawl tal-fatt li l-partijiet qablu li l-proceduri kontra Joseph Balzan huma pendenti u l-esponenti ressqet il-quddiem provi sabiex turi kemm Joseph Balzan huwa bniedem difficli u li huwa bniedem li jahrab mir-responsabbilita tieghu, juri li din ma kienitx il-linja difensjonali prospettata a tenur tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, izda kienu ohrajn il-linji difensjonali, bhal ma ser jkun argumentat aktar il-quddiem f'dan ir-rikors ta' appell.

A.l. Preskrizzjoni minhabba tkeccija

Illi in segwitu ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet ‘Il-Pulizija v. Maria Philippa Bondin’ [deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2011] u ohrajn, dina l-Qorti stabbiliet li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mil-mument li min jokkupa kariga ta' direttur jkun gie mnehhi minn dik il-kariga.

Tqum wahida l-mistoqsija, l-provi migjuba l-quddiem mid-difiza kellhom liema skop? It-twegiba hija semplici - dawn il-provi juri kif ir-rizenja tal-esponenti ma kienitx wahda volontarja izda kienet wahda ta' tkeccija ngusta u b'hekk it-taghlim tal-dina l-Qorti fis-sentenza kwotata hija res applikabbli.

Huwa ormai stabbilit bil-gurisprudenza kif persuna tista' tigi mgieghla tirrizenja [constructive dismissal] minhabba li l-agir tal-persuna responsabbli ghat-tmexxija tal- kumpannija kien wiehed illegali. Wiehed jista' jara f'dan is-sens l-ewwel sentenza moghtija mit- Tribunal Industrijali f'dan is-sens, [liema gurisprudenza baqghet kostanti] u cioe' il-kawza fl-ismijiet "Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn Geniev Zerafa u Phone Direct Ltd dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta", deciza nhar is-27 ta' Lulju tas-sena 2007 nru2267/JB, decizjoni numru 1802 u 1803 tas-sena 2007 [kopja nformali hawn memhuza].

Fil-kaz odjern kif tapplika din il-gurisprudenza?

Fil-kaz odjern ghandek l-esponenti li gie ppruvat li hija persuna diligenti, gie ppruvat li hija ma setghetx u ma thallitx f'idejha l-kontroll effettiv tas-socjeta de quo, li qatt ma kellha tali kontroll, u li r-rizenja taghha ma kienitx wahda frivola u vessatorja, izda li kienet wahda minhabba constructive dismissal.

L-esponenti meta hija ma kellhiex ghazla ohra hlief li tirrizenja proprju ghaliex it-tmexxija tas-socjeta' ma kienitx wahda tajba da parti ta' Joseph Balzan, hasset li kellha tinforma b'dan kollu lill-MFSA.

Kien l-obbligu morali u anke legali tal-MFSA li kellha ggib dan kollu a formali konjizzjoni tal-varji dipartimenti tal-Gvern, fosthom l-Kummissarju tat- Taxxi Interni sabiex jinvestigaw jekk hemmx vjolazzjoni ta' xi ligi u sabiex jizgura l-harsien tad-drittijiet ta' dawk il-persuni u/jew tal-Gvern li setghu jigu mittiefsa. Dan pero l-MFSA ma ghamlitux.

L-esponenti rrizenjat unikament tort ta' l-agir ta' Joseph Balzan. Kien l-agir ta' Joseph Balzan li wassal sabiex l-esponenti giet *forced to resign* unikament minhabba l-agir ta' Balzan.

Ghandu jigi mfakkar kif dan l-agir ta' Balzan kien wiehed indirett stante li Joseph Balzan ma qabadtx wahda u/jew flimkien mal-azzjonisti l-ohra tas-societa permezz ta' *shareholders'* resolution nehhew lill-esponenti mil-kariga. Kien l-agir ta' Joseph Balzan li gieghel lill-esponenti li tirrizenja. Proprja bhal ma gara lil Geniev Zerafa *supra* citata.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu premess, l-esponenti tishaqq li l-azzjoni kriminali kontra taghha kienet wahda preskritta.

A.2. Responsabbilita' a tenur tar-regolament 29 tal-A.L. 88 tas-sena 1998 [S.L. 372.141]

Dan l-aggravju qieghed jingieb minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

Ai fini ta' spedittezza l-esponenti qedha tirriproduci fl-intier dan ir-regolament:

"29. Meta zewg persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur dwar xi payee ghall-finijiet ta' dawn ir-regoli, l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq pagaturi b'dawn ir-regoli ghandhom jitqiesu li gew imposti fuqhom solidalment."

Tqum ghaldaqstant il-mistoqsija, meta zewg persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur?

It-twegiba temergi mir-regolament 2 tal-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, fejn id-definizzjoni ta' pagatur hija s-segwenti:

""pagatur" tfisser kull persuna li thallas [enfasi u sottolinejar tal-esponenti] l-emolumenti jew li titqies li thallas l-emolumenti skont id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(b) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income jew ta' regoli maghmulin taht dak il-paragrafu, jew li thallas, jew li jkollha thallas, emolumenti kemm akkont taghha jew f'isem xi persuna ohra u tinkludi dipartimenti tal-gvern, persuni fis-servizz pubbliku ta' Malta, korporazzjonijiet pubblici u l-ufficjali taghhom, u korpijiet ta' nies ohra u l-ufficjali taghhom":

Ghaldaqstant it-twegiba li issa tqum hija s-segwenti: l-esponenti tista qatt tigi meqjusa bhala pagatur a tenur ta' din il-ligi? L-esponenti tishaqq li le jekk xi hadd huwa pagatur semmai huwa Joseph Balzan.

Dan qieghed jinghad ghaladarba wiehed jinnota s-segwenti:

a. Ma ngabet l-ebda *engagement form* tal-impjegati tas-socjeta' de quo li turi l-firma tal-esponenti fil-vesti taghha ta' direttrici u li allura a tenur tar-Regolamenti fuq id-Dokumentazzjoni Dwar Haddiema li Jibdew jew Itemmu Impjieg [Avviz Legali 110 tas-sena 1993 [L.5. 343.33] li hija l-esponenti meqjusa bhala l-principal [ossia employer] ta' dawn il-persuni;

b. Huwa a bazi ta' din il-formola ex lege li jigi determinat min huwa l-employer ta' persuna u xejn aktar - konferma ta' dan jista jkun hemm quddiem dina l-Onorabbli Qorti mhux biss mill-interpretazzjoni tal-Ligi, izda ukoll minn kull rappresentant tal-ETC dwar kif din il-ligi tigi adoperata fil-fatt;

c. Ma ngabux quddiem l-Ewwel Qorti dawk il-formoli li ntbaghtu tardivament ghan-nom ta' Dambal Caterers Limited, sabiex b'hekk jkun skrutinizzat l-involviment tal-esponenti ghal perijodu mertu tal-kaz vis-á-vis ir-relazzjoni guridika mal-gvern u terzi ohra;

d. Ma ngabux l-quddiem imqar pay slip wahda jew imqar kopja ta' cheque tal-paga, imqar ta' impjegat wiehed li juri li l-esponenti kienet hi responsabbli mil-hrug tal-pagi tal-impjegati u b'hekk kellha kontroll tal-finanzi tas-socjeta’;

e. Ma ngabux provi ta' xejn li b' xi mod jew iehor juru li l-esponenti kienet responsabbli ghall-impjegati bhala pagatur;

f. Ma ngabux provi lanqas li l-esponenti tissodisfa l-vot tal-artikolu 4(1)(b) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq I-Income;

Ghaldaqstant l-esponenti tishaqq u dan minghajr pregudizzju ghall-linja difensjonali supra riportata li hija ma kellhiex tinstab hatja meta:

i. hija ma kienitx il-principal tal-impjegati tas-socjeta Dambal Caterers Company Limited u dan skont il-ligi; u

ii. ghaldaqstant l-esponenti zgur li ma tinkwadrax ruhha fl-ambitu tar-regolament 29 tal-Avviz Legali 88 tas-sena 1998; u li

iii. s-socjeta kummercjali Dambal Caterers Company Limited ghadha tezisti llum il-gurnata u ghad hemm direttur vigenti u responsabbli tal-agir kollu ta' l-operat ta' din is-socjeta’.

B. Il-Piena

Dan l-aggravju qieghed jingab minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti imponiet fuq l-esponenti multa ta' mija u ghoxrin euro. Illi a tenur tal-artikolu 49(1) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena li tista tigi mposta f'kaz ta' sejbien ta' htija hija ta' bejn minimum ta' tlieta u ghoxrin euro u massimu ta' mija u sittax-il euro. Jemergu ghalhekk bic-car li l-esponenti giet moghtija piena ghola mil-massimu ta' dak previst mil-Ligi b' erba' euro.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-esponenti temmen, li tenut kont ukoll tal-fatt li hija a first time offender, kif ukoll li hija qatt ma kellha l-ebda diffikulta f'xoghol ma' l-ebda dipartiment governattiv, sia VAT, sia CIR, l-esponenti temmen li l-piena ta' multa hija wahda li tenut kont tac-cirkostanzi kienet ferm oneruza, *per punto di principio*.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja u ghalhekk ix-xiehda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta u din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' hawn fuq imsemmija giet registrata fil-15 ta' Dicembru, 1998. Dak in-nhar l-appellanta kienet direttur ta' l-istess socjeta' kif ukoll "company secretary." Il-"managing director" kien Joseph Balzan.

Illi fl-10 ta' Mejju, 2000 l-appellanta kienet irrizenjat bhala direttur ta' l-istess socjeta' hawn fuq imsemmija.

Illi fis-7 ta' Frar, 2002 l-appellanta irrizenjat bhala "company secretary" ta' l-istess socjeta' hawn fuq imsemmija.

Illi l-appellanta hi akkuzata u nstabet hatja li naqset li tibghat il-formuli tat-taxxa tas-socjeta' hawn fuq imsemmija ghas-snin 1999 u 2000.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Joseph Balzan tressaq il-Qorti b'akkuzi simili li jkopru l-perjodu li jmur mis-sena 1999 sas-sena 2005.

Illi mill-provi prodotti mir-rappresentant ta' l-Inland Revenue Department jirrizulta li f'dak il-perjodul-FS5 ta' kull xahar ma nbaghatux. Irrizulta li fis-sena 1999 thallsaet is-somma ta' €6,000 izda jonqos bilanc ghal dik is-sena. Ix-xhud qal li d-dokumenti biex jirrikonciljaw il-pagamenti nbaghatu fit-22 ta' Lulju, 2011. Dawn id-dokumenti gew iffirmati minn Joseph Balzan. Jirrizulta wkoll li fil-file ghad-dipozizzjoni tad-dipartiment hemm biss il-firma ta' Joseph Balzan li ha hsieb ukoll li japplika ghan-numru tas-socjeta' mad-dipartiment.

Illi l-appellanta ghamlet minn kollox biex jitharrek Joseph Balzan izda ghal xejn ghaliex qatt ma gie notifikat. Fil-fatt, din in-nuqqas ta' notifika tirrizulta wkoll fil-procedimenti kontra l-istess Joseph Balzan u din il-persuna ghada ma gietx notifikata.

Illi l-appellanta dejjem saqhet li hi ma kellhiex il-gestjoni tas-socjeta' imsemmija. L-unika haga li ghamlet hi li gibdet l-attenzjoni ta' Joseph Balzan li kellhu jottempera ruhu mal-ligi. L-appellanta lanqas ma kienet firmatarja tal-kont jew kontijiet bankarji tas-socjeta' u il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li hi kienet involuta f'xi mod fil-gestjoni ta' l-istess. Fil-fatt min imkien ma jirrizulta li l-appellanta ffirmat xi dokument li torbotha mal-gestjoni ta' din is-socjeta'. Frankament, izjed minn hekk l-appellanta ma setghetx taghmel u ir-rizenja taghha minn direttur kif ukoll minn "company secretary" huma xhieda ta' nuqqas ta' trasparenza fl-amministrazzjoni tas-socjeta' u ukoll nuqqas ta' djalogu fi hdan il-bord tad-diretturi.

Illi meta wiehed janalizza l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-Interpreatazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemm ebda dubju li r-reat askritt lill-appellanta sar minghajr it-taghrif taghha u fil-fehma ta' din il-Qorti hi ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat. Wiehed ma jridx jinsa dak li nqal hawn fuq li Joseph Balzan, li hu l-"managing director" tas-socjeta' ikkonsenja id-dokumenti lid-dipartiment fis-sena 2011.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellanta ma kellha ebda kontroll tas-socjeta'. Ma kellha ebda kontroll fuq il-finanzi tas-socjeta'. Makellha ebda kontroll fuq il-pagamenti tas-socjeta'. Ma kellha ebda kontroll fuq l-impjegati tas-socjeta' u ma kellha kontroll ta' xejn ta' din is-socjeta'.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa l-appell ta' Jeanne Borg. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellanta minn kull htija u piena.